— tannulla r-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) Nru 1159/2014, tat-30 ta’ Ottubru 2014, li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja, sa fejn dan jikkonċerna r-rikorrent;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka erba’ motivi li huma essenzjalment identiċi jew li jixxiebhu lil dawk invokati fil-kuntest tal-Kawża T-693/13, Mikhalchanka vs Il-Kunsill ([1]).

([1]) ĠU 2014, C 93, p. 25.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta’ Jannar 2015 – K-Swiss vs UASI (Strixxi paralleli fuq żarbun)**

**(Kawża T-3/15)**

(2015/C 065/72)

*Lingwa tal-kawża: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* K-Swiss, Inc. (California, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: R. Niebel, u M. Hecht, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* reġistrazzjoni internazzjonali tat-trade mark li tindika l-Unjoni Ewropea għal trade mark figurattiva (Rappreżentazzjoni ta’ ħames strixxi paralleli fuq il-ġenb ta’ żarbun tal-isports) – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni internazzjonali Nru 932 758

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tat-Tieni tal-Appell tal-UASI tat-30 ta’ Ottubru 2014 fil-Każ R 1093/2014-2

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-UASI għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Ksur tal-Artikoli 7(1)(b) u 76 tar-Regolament Nru 207/2009;

---

**Rikors ippreżentat fit-8 ta Jannar 2015 – Beiersdorf vs UASI (Q10)**

**(Kawża T-4/15)**

(2015/C 065/73)

*Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Beiersdorf AG (Hamburg, il-Ġermanja) (rappreżentanti: A. Renck u J. Fuhrmann, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Trade mark inkwistjoni:* trade mark Komunitarja figurattiva bl-element verbali "Q10" – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 480 837

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ottubru 2014 fil-Każ R 2050/2013-1

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-konvenut għall-ispejjeż tal-proċeduri, inklużi dawk tar-rikorrenti.

**Motivi invokati**

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-Artikolu 32(2) tar-Regolament Nru 207/2009.